MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## MICHAEL MALLIA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 166/2009

Il-Pulizija
[Supretendent Norbert Ciappara]
Vs
Clayton Azzopardi

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellant Clayton Azzopardi [detentur tal-karta tal-identita’ Maltija bin-numru 161983 (M)], quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli :
F’dawn il-Gżejjer fil-21 ta’ Diċembru 2004 u fix-xahar ta’ qabel din id-data
a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kapa 101 tal-Liġijiet ta’ Malta lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta’ persuna/I mingħajr ma kellu liċenzja mil-President ta’ Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 għall-kontroll interan tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita’ mogħtija mill-President ta’ Malta li jforni dd-roga u

mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli 1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;
b) kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma keinx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispożizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu dina d-droga u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamentimsemmija u dan bi ksur tar-regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Periolużi (GN 292/1939) kif sussegwenetement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Periolużi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta **liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kenitx għall-użu esklussiv tiegħu;**
2. Il-Qorti ntalbet ukoll sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Mejju, 2009 fejn Il-Qorti, wara li rat ir-regolamenti 4 u 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(1B) tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni waqt li sabet lill-imputat ħati tat-tieni imputazzjoni.
Dwar il-piena, l-Qorti qieset li l-imputat għandu fedina penali nadifa. Innotat wkoll xi ftit tat-trapass taż-żmien waqt li l-imputat kien dejjem preżenti għall-udjenzi. Għalhekk, wara li qieset il-każi ta' Beck versus Norway u

Jensen versus Denmark ikkundannatu għall-piena ta' erba' xhur priġunerija u għall-ħlas ta' multa ta' €467. Din il-multa tista' titħallas b'rati ta' 50 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien ta' mhux aktar minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros mhux imħallsin.

Peress li ma jirriżultax ippruvat li l-flus li nstabu fuq l-imputat kienu ġejjin mill-ispaċċ tad-droga, dawn għandhom jingħġataw lura lill-imputat jew issir tpaċċija parzjali bejn il-ħlas tal-multa u / jew tal-espert u dawn il-flus.

Ai fini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed ikkundannat lill-imputat iħallas is-somma ta' €221.78, bħala ħlas li sar lill-espert.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga taħt il-ħarsien tar-Reġistratur.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar it-22 ta' Mejju, 2009 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma is-sentenza appellata fis-sens illi :

a. tikkonfermaha fejn sabet lill-appellat hati tat-tieni imputazzjoni migjuba kontra tieghu filwaqt li :

b. tirrevokaha u thassarha :

i. f 'dik il-parti fejn illiberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni u

ii. f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat ghall-piena ta' erba xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' €467, liema multa setghet tithallas f'pagamenti ta' hamsin Euro (€50) fix-xahar bl-ewwel pagament isir fi żmien ta' mhux aktar minn erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi parti minn din il-multa ma titħallasx, din għandha tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros mhux imħallsin u fejn dik l-Onorabbli Qorti ikkundannat lill-imputat ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti qed ikkundannat lill-imputat iħallas is-somma ta' €221.78, bħala ħlas li sar lill-espert;

u minflok:

i. issib lill-imputat hati wkoll tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu senjament li forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga herojina;

ii. u tinfliggi l-piena idoneja u l-konsegwenzi naxxenti minnha kontra tieghu skond il-ligi ghar-reati kollha imputati lilu.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Clayton Azzopardi pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar is-27 ta' Mejju, 2009 fejn permezz tieghu talab lil din l-Onorabbli Qorti tirriforma s-sentenza appelalta billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-esponent mhux hati ta' l-ewwel imputazzjoni, tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet l-esponent hati ta' pussess ta' droga (pussess semplici), filwaqt li thassarha tirrevokaha u tannullaha in kwantu ghall-kwalifika li l-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu u konsegwentement tibdilha dwar il-piena li ghandha tirrifletti pussess semplici.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji ta' l-appell ta' l-Avukat Generali illi huma is-segwenti :

Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghamlet in parti, apprezzament irragjonevoli tal-provi migjuba quddiemha u applikazzjoni zbaljata tal-Ligi kwantu ghal dak li jirrigwada l-piena erogata minhabba li fix-xorta jew in-natura taghha, kienet differenti minn dik preskritta mill-Ligi ghar-reat li dwaru l-persuna hatja inghatat is-sentenza.

1. Jigi mistqarr bhal tlaqlieq li l-esponent mhux qed jghid li l-konsiderazzjonijiet li waslet lil dik l-Onorabbli Qorti li tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni, in bazi ghall-mod kif dik l-ewwel Onorabbli Qorti fehmet u interpretat il-fatti tal-kaz (dment li kienu korretti) jqisha li kienet bla bazi. Huwa minnu li l-provi prodotti dwar l-imputazzjoni tat-traffikar huma cirkoskritti bix-xhieda ta' PS1086 u PC10 hawn fuq riportati, fejn dawn ma jsemmu ebda parametru temporali meta l-imputat 'gieli biegh xi pakkett', skond PC10 jew 'gieli kien ttraffika xi pakkett heroin' skond PS1086. Veru li mill-kumpless ta' din ix-xhieda johrog 'innuendo' li dan it-traffkar kien sar fi zmien ricenti. Biss l-esponent jifhem li responsabbilita` u eventwali hija kriminali ma tistax tisrieh biss fuq semplici 'innuendo'.

1.2.1 Biss fl-umli fehma ta' l-esponent, minkejja dan, il-kaz jippresta evidenza sufficjentement b'sahhitha li turi li l-

attivita ta' traffikar kienet ragjonevolment u legalment tista` titqies li sehhet fil-perjodu indikat fl-imputazzjonijet kif migjuba fic-cirkostanzi a fol 1.

1.2.2 Qabel xejn il-perjodu li jidher li dik l-Onorabbli Qorti kellha f'mohha meta waslet ghal konkluzjoni taghha kienet dik li giet riprodotta fis-sentenza taghha – u ossija dik riprodotta a fol 28 u cioe fil-21 ta' Dicembru, 2004 u fix-xahar ta' qabel din id-data. Huwa car li l-ispazju temporali bejn it-22 ta' Novembru, 2004 u l-21 ta' Dicembru, 2004, huwa spazju ta' zmien relattivament qasir. Huwa minnu li n-nuqqas ta' indikazzjoni tad-data dwar meta 'gieli' sehh dan it-traffikar tista` twassal lil gudikant sabiex daqskemm jista` jikkonsidraha li tissubentra f'dan il-perjodu jista` wkoll itenni li ma tissubentrax fl-istess perjodu. Dan jista` ghalhekk iwassal ghal konkluzjoni ragjonevoli da parti ta' l-istess gudikant li ma jhossux moralment konvint li dik il-'gieli' tista` tissubentra f'dan l-ispazju ta' zmien. Ghalhekk il-konkluzjoni milhuqa mill-Qorti tal-Magistrati tista` tidher li kienet logika, jekk mhux legalment plawzibbli fic-cirkostanzi. Hlief ghal fatt li meta waslet ghal dik il-konkluzjoni, dik l-Onorabbli Qorti kienet qed tistrieh fuq impressjoni zbaljata li hija formulat f'dan il-kaz dwar l-ispazju temporali ta' meta l-appellat 'gieli' traffika d-droga herojina.

1.3 L-esponent umilment itenni li minn qari akkurat ta' l-imputazzjonijiet dedotti, iz-zmien rilevanti ghal dan il-kaz gie indikat mill-prosekuzjoni bhala l-'21 ta' Dicembru, 2004 u fix-xhur ta' qabel din id-data'. Bid-dovut rigward, jigi sottomess li l-perjodu ta' xahar indikat fis-sentenza huwa rizultat, probabbilment, ta' lapsus calalmi kommess mill-Ewwel Qorti.

1.3.1 Wiehed ghalhekk bil-fors irid iqis bir-reqqa c-cirkostanzi kollha li nqabad fihom l-imputat saiex ikun jista` japprezza ahjar l-argument ta' l-esponent. Dawn ic-cirkostanzi juru, inter alia li :

(i) l-imputat prova jahrab mill-pulizija bil-karozza tieghu qabel ma bdew ikellmuh,

(ii) wara li nqabad, huwa stqarr li kien 'gieli' jittraffika d-droga minn dak il-post,

(iii) instabet kwantita ta' droga fi qratas – almenu erbgha – tnejn fuq il-persuna tieghu fil-post fejn inqabad, u tnejn fir-residenza tieghu,
(iv) kellu mizien elettroniku li kellu tracci ta dik l-istess tip ta' droga li huwa kien ammetta li 'gieli' biegh ;
(v) il-fatt li kien hemm ukoll tali tracci ta' droga differenti (kokaina) minn dik li kien allegatament juza huwa – cioe` herojina ;
(vi) il-fatt li kien hemm tali tracci fuq il-mizien elettroniku johloq prezunzjoni li l-uzu tieghu ghall-uzin t'a herojina u kokaina kien wiehed ricenti – ghax altrimenti l-possibilita li jibqghu hemm dawn it-tracci jonqos drastikament mat-trapass taz-zmien ;
(vii) dan il-mizien kien misjub fil-karozza misjuqa mill-imputat stess – li tirraprezenta wkoll ma hbieb tieghu u konoxxenti bl-anqas xkiel ;
(viii) anke fir-residenza teighu instabu qratas kontenteti din id-droga ;
(ix) l-imputat ukoll jistqarr li huwa juza d-droga herojina, ghalkemm mhux ukoll il-kokaina ;
juru xenarju fejn dan l-abbuz mid-drogi perikoluzi ma kienx wiehed kommess minn xi novizz f'dan il-qasam, jew li kien qed isehh fuq bazi sporadika, jew li tmur lura hafna fiz-zmien. Anzi juru li din kienet persuna li kienet indotta f'dan il-qasam ta' l-abbuz ta' din it-tip ta' droga, (u rrizulta wkoll tal-kokaina) u li kien hemm certa kontinwita u regolarita riflessa fuq element temporali li jmur lura (ghalkemm dejjem f'kuntest ta' zmien relattivament ricenti) minn dik il-gurnata ta' meta nqabad li fih dan l-abbuz kien qed jigi kommess.

1.3.2 Meta wiehed jiehu ghalhekk in konsiderazzjoni dawn il-fatt, maghqudha mal-fatt li l-perjodu imputat kien sa mill-bidu nett estiz ghal perjodu ta' xhur, (ghalkemm l-anqas hawnhekk ma gie specifikat bi precizjoni matematika mill-prosekuzzjoni), dik il-'gieli' mistqarra mill-imputat, takkwista valenza u sinjifikat differenti minn dik mifthemha mill-Qorti tal-Magistrati. U jigi umilment ukoll sottomess li lanqas ma huwa dejjem u fi kwalunkwe kaz rikjest mill-Pulizija li tipprezenta z-zmien bi precizjoni matematika. Idealment hekk ghandu jkun, pero` fil-qasam ta' l-abbuz tad-drogi huwa minn ghewl id-dinja li l-

operazzjoni ta' traffikar isiru klandestinament, kemm jista jkun il-boghod minn hars u ghajnejn indiskreti – il-boghod minn ghajnjn u widnejn infurmati u ffurmati li jistghu verament jaraw ir-realta kerha u kiefra ta' l-abbuz ta' droga u li jistghu verament jaraw ir-realta kerha u kiefra ta' l-abbuz ta' droga u li jistghu jikxfu u jixhdu dwar tali abbuz. Inoltre, l-espressjoni uzatta mill-prosekuzzjoni cioe` fuq perjodu ta' 'xhur' (espressjoni li zgur tista tmur lura bejn xahrejn u, almentu, tnax il-xahar) il-'probabbilita' li l-imputat, fuq ammissjoni tieghu stess li ttraffika d-droga herojina, fil-perjodu inkriminat, tizdied konsiderevolment. Fil-fehma tal-esponent ma tibqax aktar, fid-dawl ta' l-istqarrija tieghu u l-fatti hawn fuq imsemmija, mera 'probabbilita'. Fuq perjodu ta' xhur, persuna li wriet bil-fatti li ma kienitx xi novizza ghall-qasam ta' l-abbuz ta' droga (ossia diversi drogi) setghet facilment twettaq l-attivitajiet taghha ta' traffikar ammessi minnha bl-espressjoni 'gieli'.

1.3.3 Verament li dan il-kaz jippresta diffikulta minhabba l-espressjonijiet lingwistici kemxejn vagi wzati kemm mill-prosekuzzjoni fic-citazzjoni prezentata kif ukoll imputat fl-istqarrijiet tieghu u b'hekk ma jistax iwassal gudikant ghac-certiezza assoluta li fil-fatt giet traffikata d-droga fil-perjodu inkrinat. Biss mill-kumpless tal-provi prodotti u fil-kuntest li ntqalu mill-appellat fl-istqarrija tieghu lil Pulizija, fl-umli tal-esponent, dik il-'gieli' kienet zgur tirreferi ghal episodji li sehhew sa' 'xhur' qabel gie arrestat mill-Pulizija. L-esponent umilment itenni li meta wiehed ihares lejn dik l-istarrija minn lenti li l-akkuzi jirreferu ghal spazju temporali ta' 'xhur', jezistu l-estremi necessarji sabiex fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz gudikant ikun jista, b' certezza morali jasal ghal konkluzjoni li jirritjeni li l-esponent fil-fatt 'gieli' traffika d-droga herojina, almenu, fil-perjodu ta' 'xhur' indikat fic-citazzjoni.

1.4 Ghal dawn ir-ragunijiet, l-esponent umilment itenni li kien sforz ta' din l-impressjoni erroneja li kellha l-ewwel Onorabbli Qorti dwar iz-zmien rilevanti li wassalha ghal konkluzjoni ta' liberatorja fir-rigward ta' l-ewwel imputazzjoni. U ghalhekk l-esponent umilment itenni li l-imputat kellu wkoll jigi misjub hati ta' l-istess ewwel imputazzjoni.

2. Illi fi kwalunkwe kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, anke jekk din l-Onorabbli Qorti ma' tikkondividix l-argumentazzjoni maghmula mill-esponent aktar il-fuq u ttenni li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet korretta fl-evalwazzjoni taghha tas-sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni, xorta jibqa l-fatt li fl-ghoti tal-piena fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-istess Onorabbli Qorti ghamlet applikazzjoni zbaljata tal-ipotezi tal-Ligi kwantu ghal dak li jirrigwarda l-piena erogata minhabba li fix-xorta jew in-natura taghha l-piena kienet differenti minn dik preskritta mill-Ligi ghar-reat li dwaru l-persuna hatja inghatat is-sentenza.

2.1 Illi mis-sentenza hawn fuq imsemmija, jirrizulta ampjament kemm mill-imputazzjonijiet infurshom kif ukoll mill-konsiderazzjonijiet ta' l-istess sentenza li l-Qorti tal-Magistrati kellha quddiemha imputazzjoni taht l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101. Il-piena preskritta b'dan l-artikolu hija dik ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn erba mija u hamsa u sittin euro u sebgha u tmenin centezmu (€465.87) izda mhux izjed minn hdax il-elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin centezmu (€11,646.87).

2.2 Issa f'dan il-kaz, ghalkemm il-multa kienet tissubentra fil-parametri tal-Ligi, (stante li gie kkundannat ihallas €467) xorta jibqa li kienet multa miti wisq. Apparti dan pero`, it-termiu ta' prigunerija impost huwa dak ta' erba` xhur. Dan it-terminu ta' prigunerija moghti, apparti li huwa wkoll imtaffi wisq huwa anqas mill-minimum preskritt mill-artikolu 22(2)(b)(i) tal-kap 101 u cioe` ta' sitt xhur prigunerija ghar-reati li tieghu l-imputat gie misjub hati.

2.3 Illi fi kwalunkwe kaz, jidher li l-konsiderazzjonijiet migjuba minn dik l-Onorabbli Qorti gusitifikanti l-piena kienu l-fatt li l-imputat kellu fedina penali nadifa, kif ukoll it-trapass taz-zmien u l-fatt li l-imputat attenda ghall-udjenzi. Bid-dovut rispett, ebda wiehed minn dawn ic-crikostanzi ma tista` oggettivament tikkwalifika bhala raguni oggettiva li setghet twassal lil dik l-Onorabbli Qorti timponi piena hekk miti ;

2.4 Apparti minn hekk l-anqas jikkwalifikaw bhala xi ragunijiet specjali u straordinarji li jridu li jissemmew bir-reqqa kollha fis-sentenza li in bazi ghall-aritkolu 21 tal-Kap

9 setghu iwasslu gudikant ghalbiex jeroga piena taht il-minimum preskritt. Il-fatt li l-imputat kellu fedina penali nadifa xejn ma zammu milli jhammigha minn jeddu bl-ghemil kriminuz volut tieghu. It-trapass taz-zmien veru kien hemm, pero ma kienx xi wiehed tali li jimmerita temperament daqstant qawwi fil-piena f'kazijiet ta' din in-natura, li huwma wahda mir-rovina ta' diversi zghazagh u familji f'dan il-pajjiz. Il-fatt li attenda ghall-udjenzi huwa biss dmir li kull imputat ghandu. Bid-dovut rigward allahares kull imputat li jattendi regolarment ghas-seduti jinghata skont fil-piena ghax wettaq dak li huwa legalment mistenni minnu. Izda hawn l-argument imur oltre hekk. F'dan il-kaz, mhux biss ma giex kkwotat fis-sentenza l-fatt li l-Qorti kienet ser tapplika l-artikolu 21 ta l-Kap 9. Talli f'dan il-kaz, b'applikazzjoni specifika ta' l-artikolu 22(9) tal-Kap 101, dan l-artikolu ma setghax jigi applikat ghal kaz in dizamina fl-ewwel lok. Dan l-artikolu jghid li d-dispozizzjonijeit ta' l-artikoli 21 u 28A tal-Kodici Kriminali u d-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ma jkunux applikabbli dwar xi persuna misjuba hatja ta' reat kif imsemmi fis-subartikolu (2)(a)(i) jew fis-subartikolu (2)(b)(i) ta' l-artikolu 22 tal-Kap 101. Kif inghad f'dan il-kaz, is-sejbien ta' htija kienet imsejsa fuq is-subartikolu (2)(b)(i) ta' l-artikolu 22 tal-Kap 101.

2.5 In definittiva, l-esponent umilment itenni li l-piena inflitta f' dan il-kaz, minbarra li kienet imtaffija wisq, kienet tmur kontra dak dispost mill-artikolu 413(1) (b) (iii) tal-kap 9, 413(1)(c) tal-Kap 9, nonche l-artikolu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji ta' l-appellant Clayton Azzopardi li huma is-segwenti :

Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva, illi l-Ewwel Onorabbli Qorti, sabet htija tal-pussess aggravat, ukoll a bazi ta' dak illi huwa allegatament stqarr ma' membri tal-Korp tal-Pulizija, ossia PC10 u PS1086, fejn l-appellant gie kkwotat illi uza kliem illi gieli biegh.

F'dan l-istadju, l-appellant, fid-dawl ta' Gurisprudenza tal-Qorti Ewroeja ricenti, minn issa stess jirrizerva d-dritt li jipprocedi kostituzzjonalment ghall-ksur tad-dritt fundamentali tieghu illi jkollu dritt ta' assistenza legali, liema dritt gie nterpretat b'mod wiesgha tant illi jinkludu tali access, sa mill-ewwel stadju ta' investigazzjoni, inkluz

meta l-persuna tkun qed tirrilaxxa stqarrija. Persuna ghandu ghalhekk dritt illi jkollu access ghal-avukat mill-mument illi huwa jibda jigi nvestigat mill-Pulizija. Dan qed jinghad b'referenza ghal kazistika fl-ismijiet Salduz vs Turkey u Panovits vs Cypru, fejn il-Qorti rribadiet, illi d-dritt illi persuna ghandu d-dritt li jkun assistit minn avukat ta' l-ghazla tieghu, mhux biss waqt il-process gudizzjarjur f'Qorti, izda tali dritt jibda sa minn meta l-persuna suspettata li tkun qed tigi indagata. Dan ifisser illi d-dritt tal-appellant gew lezi, u ghalhekk dik l-allegata stqarrija li huwa rrilaxxja mal-Pulizija hija wahda illegali, u ghalhekk ma setghet qat titressaq bhala prova kontrih.

Fil-kaz precitat ta' Salduz vs Turkey, Il-Qorti rriteniet illi :

.. in order for the right to a fair trial under article 6.1 to reamain sufficiently 'practical and effective', access to a lawyer should be provided, as a rule, from the first police interview of a suspect, uless it could be demonstrated in the light of the particular circumstances of a given case that there had been compelling reasons to restrict this right. Even where compelling reasons might exceptionally justify denial of access to a laywer, such restriction – whatever the justification – must not have unduly prejudiced the rights of the accused under article 6. The rights of the defense would in principe be irretrievably prejudiced when incriminating statements made during a police interview without access to a lawyer were used as a basis for a conviction.

Fit-tieni lok, l-appellant umilment jissottometti illi ma tezisti ebda prova, illi ssahhah, l-akkuza ta' pussess ta' drogi mhux ghal l-uzu esklussiv.

Fil-konsiderazzjonijiet taghha, il-Qorti waslet sabiex issib htija fl-imputat a bazi tal-fatt illi :

a) sabet mizien fil-vettura tieghu bi tracci ta' droga meta din il-vettura kienet barra t-triq ;

b) sejbien ta' l-eroina f'halq l-imputat

c) u sejbien tad-droga fil-kalzetta. Bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, l-appellant jikkontendi illi dawn ic-cirkostanzi, bl-ebda mod ma jwasslu ghal htija ta' pussess aggravat.

B' referenza ghal-konsiderazzjonijiet tal-Qorti a rigward tal-mizien, jigi umilment sottomess, illi mhux xi haga insolita illi jinstab mizien fil-pussess ta' persuna illi huwa

user ta' l-eroina. Huwa ben risaput, illi mizien bhal dan, jintuza minn min jikkonsma d-droga sabiex jikkalkula kemm qed jikkonsma u b'hekk ma jaqax overdose, b'konsegwenzi potenzjalment fatali. Inoltre, l-fatt illi l-mizien instab fil-vettura tal-appellant ma jfisser xejn, u bl-ebda mod ma jindika intenzjoni li wiehed jittraffika d-droga, u dan peress illi misien jista` facilment jigi trasportat minn post ghal iehor, u li persuna jiehdu mieghu meta jkun se jabbuza mid-droga. Wiehed jasal jifhem ghalfejn l-appellant kellu fil-pussess teighu dan il-mizien, la darba hu stess ammetta illi kien user ta' l-eroina.

A rigwar tal-fatt illi l-appellant heba d-droga go halqu u fil-kalzetta, jigi umilment sottomess illi dawn bhala fatti ma jfissru xejn, u bl-ebda mod ma jaghtu indikazzjoni ta' intenzjoni li tigi spaccata d-droga. Kulhadd jaf illi l-pussess tad-droga hija illegali, u twassal ghal pieni anke f'kaz ta' pussess ghal uzu personali, ghalhekk wiehed jifhem perfettament ghalfejn l-appellant heba d-droga meta ra lill-Pulizija gejjin fuqu. Inoltre, l-post fejn instabu d-drogi, ma jindika l-ebda mod assolut, illi din ma kenitx ghal-uzu esklussiv ta' l-appellant.

Illi bid-dovut rispet, jirrizulta ghalhekk illi filwaqt illi l-prosekuzzjoni rnexxiela tipprova sal-grad rikjest mill-ligi l-pussess, hekk imsejjah semplici tal-qratas ta' l-eroina, naqset pero` illi ggib provi konklussivi illi l-istess pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv, u illi r-ragunijiet kwotati mill-ewwel Qorti ma jikostitwixux raguni konklussiva ghall-fini ta' l-istess imputazzjoni.

Illi c-cirkostanzi, li fihom instabet id-droga, la wahedhom u lanqas fl-assjem taghhom ma jissosdisfaw il-vot tal-ligi il-kliem 'f'tali cirkostanzi illi juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv. Fit-test tal-ligi il-kliem 'f'tali cirkostanzi illi juru li ma kenitx ghall-uzu esklussiv' tirreferi aktar ghall-element intenzjonali milli ghal dak materjali. Hekk taht il-Misuse of Drugs Act, 1971 fir-Renju Unit, il-kliem uzat huwa 'possession with intent to supply'. (Jinghad illi fir-Renju Unit il-posizzjoni legali, ukoll hija differenti minn pajjizna specjalment dak illi jikkoncerna cannabis u ecstasy). Ghaldaqstant il-prvi u cirkostanzi materjali huma rilevanti in kwantu jindikaw l-intenzjoni ta' spacc, u f'dan il-kuntest allura l-Qorti sabiex issib htija ghandha tkun konvinta beyond reasonable doubt illi tali persuna mhux biss kellha

l-pussess tad-droga izda wkoll l-intenzjoni li tispacca jew b'xi mod li jkun tikkonsejna mill-istess droga (ara f'dan is-sens Pulizija vs Emanuel Delia et 3.3.1997, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal cirkostanzi partikolari u rriteniet illi 'ma jidhirx li jista' jindika l-intenzjoni ta' spacc'.)
Fl-ewwel lok, issir referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Awwissu, 1998 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio, fejn il-qorti qalet hekk : 'Il-posizzjoni legali hi cara, il-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-pussessur.'
Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Gerada, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Jannar, tas-sena 2007, fejn il-Qorti tal-Appell, irriformat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti, u sabet lil l-appellant hati ta' pussess semplici biss :

L-ewwel Qorti waslet ghal-konkluzjoni li dak li nstab ma kienx esklussivament ghall-uzu personali ta' l-appellant a bazi ta' dawn il-konsiderazzjonijiet : 'Jidher izda li meta l_pulizija ghamlet ir-raid taghha sabu ammont sew ta' cannabis, madwar 39gramma u li seba mill-Qratas kienu kwazi identicifit-toqol taghhom. Ohrajn instabu f'bicciet tal-foil li l-imputat qal ukoll li-bicciet kollha kienu mnaqqrin. Mela ma tantx jidher li kien hemm skop li dawn il-bicciet jibqghu f'bicca foil jekk kienu tnaqqru. Kien hemm hames bicciet fil-foil gol-jewel box u bicctejn ohra fil-foil fil-magg. Fil-kcina instabu wkoll 'xi bicciet tal-foil maqtughin.' Barra dan il-mizien li nstab kien wiehed elettroniku 'Soehnle' u maghduda f'daqqa jigu wisq kumbinazzjonijiet meta tikkonsidra dawn it-tliet elementi f'daqqa : (a) li wiehed ikollu l-kannabis imqattgha u (b) li l-mara tixtri l-mizien elettroniku lejliet it-tfittxija u (c) li jkun qed isir programm fuq it-telivixin dwar il-fidda. Bir-rispett kollu, din il-verzjoni tal-fatti lill-Qorti ma tikkonvicihiex. Ma dan kollu, il- Qorti qed tikkonsidra wkoll li kien hemm zewg (2) pakketti tal-marka Rizla u li nstabu ma' ghoxrin bicca tal-kannabis b'seba bicciet kwazi identitici fil-piz. Fil-fehma tal-Qorti, l-ispjegazzjonijiet li ta' l-imputat mhumiex konvincenti fuq bazi ta' probabbilta` u meta wiehed jikkonsidra l-elementi msemmijien f'dan il-paragrafu flimkien hemm bizzejjed indizji tal-pussess ta' kannabis li ma kienx ghall-uzu

personali biss ta’ l-imputat minkejja li l-imputat qal li kien juza bejn 8 u 10 joins kuljum.’ Fid-dawl tal-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti, dawn il-konsiderazzjonijiet li ghamlet huma ineccepibbli. Jigifieri hija hadet in konsiderazzjoni kull ma kellha u setghet tiehu in konsiderazzjoni. Mix-xhieda ta’ l-ufficjali tal-probation Victoria Grech li nstemghet quddiem din il-Qorti pero` jirrizulta illi l-appellant kien ‘addiected ghall-marijuana’ u dan jitfa’ dawl differenti fuq dak li xehed l-appellant. ‘
Illi ghaldaqstant sabiex jigi sodisfacentement ippruvat ir-reat in disamina l-Qorti trid, wara li taghmel apprezzament approfondit tal-provi, tasal ghal konvinciment morali illi mic-cirkostantzi tista` safely and satisfactory tigbed inferenza u tikkonkludi illi kien hemm l-intenzjoni posittiva diretta u specifika tal-ispacc. Mhux kull cirkostanza illi tista` twassal xi suspett hija sufficjenti. B’mod generali il-ligi ma tissanzjonax l-intenzjonijiet, u huwa eccezzjonalment illi l-ligi tikkunsidra reat ikkunsmat (u mhux biss tentattiv) meta l-intenzjoni kriminuza tkun ghada ma gietx attwata, u ghaldaqstant fl-umli fehma tal-esponent wiehed ghandu jezercita cirkospezzjoni akbar f’kazijiet simili, u sabiex ma jinholqux ingustizzji l-intenzjoni tal-ispacc ghandha tirrizulta b’mod konkret u inekwivoku u mhux sempliciment frott ta’ ko0ngenturi u suppozizzjonijiet.
Jibda biex jinghad illi l-ammont involut f’dan il-kaz huwa wiehed de minimis u ma huwiex inkompatibbli mal-pussess ta’ persuna li tikkonsma d-droga hi personalment minghajr ma taqsamha ma’ terzi. Filfatt, l-appellanti, fl-istqarrija rilaxxata minnu, ammetta illi huwa jabbuza mid-drogi, anke minn l-eroina. Inoltre, solitament il-Qorti qatt ma tistrieh fuq l-ammont ossia l-piz ta’ droga sabiex tiddeciedi jekk il-pussess tad-droga kienx wiehed semplici ghal konsum personali, jew aggravat bl-intenzjoni li jigi ttraffikat. Anke f’ kazijiet fejn kien hemm ammonti relattivament ikbar minn dak misjub fuq l-appellant skond l-analista Godwin Sammut, 0.55 grammi, il-Qorti xotra deherilha illi nonostante l-ammont konsiderevoli, xorta sabet htija ta’ pussess semplici. Fil-kawza fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Noel Buhagiar, deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-10 ta’ April, 2008, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell irrietniet illi : ‘ghalhekk ghamlet ezami approfondit tal-atti

processwali biex tara jekk id-decizjoni tal-Ewwel Qorti fejn sabet lill-appellant hati ta' pussess "aggravat" tad-droga.. hu kellu jiehu mieghu sitt qratas kontenenti eroina apparti l-kontenut li kien hemm f' borza w li jkun ukoll fil-vicinanzi tad-Detox centre, fejn hu risaput li jsir spacc tad-droga fuq bazi regolari, ma tistax teskludi l-versjoni li ta l-appellant kemm fl-istqarrija tieghu kif ukoll meta xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Din il-versjoni tista' tigi accettata fuq bazi ta' probabbilita' w minkejja s-suspett qawwi li jiggeneraw ic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li c-cirkostanzi necessarjament jistghu jwassluha ghac-certezza morali li dik id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-appellant.'
F' dan il-kuntest l-esponent jaghmel riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs David Norbert Schembri per Imhallef Dott Vincent De Gaeotano, fejn gie ritenut illi minkejja illi l-Qorti ma setghetx b'mod konklussiv tiddeciedi illi l-pusess ta' cirka 10 grammi kokajina ma kienx ghall-uzu eskluzziv pero meta persuna jkollha certu ammont ta' drogi r-riskju illi l-istess tithajjar tispacca kien kbir u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghamlet distinzjoni fina fejn ammont jista f'cirkostanzi suspettuzi kemm huma susspettuzi mhumiex konklussivi ghal spacc, u minn naha l-ohra ammont akkumpanjat minn cirkostanzi illi ma jhallu ebda dubju dettat mir-raguni tal-intenzjoni ta' spacc. Ghaldaqstant 'cirkostanzi' mhiex ekwivalenti ghal-'suspetti' jew 'cirkustansi suspettuzi' izda ghal 'indikazzjoni inekwivoka tal-intenzjoni ta' spacc'. Fl-umli fehma tal-esponent din is-sentenza tefghet dawl fuq dik il-grey area, jew distinzjoni sottili bejn il-pussess fuq naha u l-pussess mhux ghall-uzu esklussiv.
Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Duncan Farrugia, deciza mill-Qorti tal-Magistrati fit-23 ta' Mejju, 2008, il-Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha, rriteniet illi : 'fil-kaz in dizamina, kif diga intqal aktar il-fuq, si tratta ta' erbatax il-bicca cannabis bil-piz ta' 22.872 grammi li nxtraw ghall-prezz ta' mitt lira (Lm100). Huwa minnu li d-droga li nstabet kienet diga' maqsuma f'bicciet zghar u mgerrba f'bicciet tal-foil izda l-Qorti jidrilha li l-ammont involut m'huwiex daqshekk sostanzjali li jindika li d-droga kienet lesta sabiex tigi spaccjata, zmercjata jew distribwita. Inoltre ma rrizultawx cirkostanzi ohra li setghu b'xi mod jindikaw li tali droga  ma kienitx ghall-uzu esklusiv tal-

imputat bhal per ezempju il-fatt li ma kienx hemm xhieda li indikaw li akkwistaw id-droga minghand l-imputat jew inkella is-sejba ta’ flus fil-pussess tal-imputat li setghat tindika li huwa kien qed jispaccja id-droga li nstabet fil-pussess tieghu. Irid jigi rilevat li t-tfitxija li saret fir-residenza tal-imputat ma saritx ghaliex kien hemm xi indikazzjoni li xi hadd kien xtara jew otjena id-droga minghandu. Fil-kaz odjern il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li s-sustanza mehuda mill-pjanta tal-cannabis li nstabet fil-pussess tieghu kienet ghall-uzu esklussiv tieghu u ghalhekk huwa qed jinstab hati biss ta’ pussess semplici u mhux ta’ pussess aggravat.’
L-ewwel Onorabbli Qorti, tat importanza konsiderevoli wkoll ghal dak li allegaw il-Pulizija PS1086 u PC10, illi dawn qalu illi l-appellant qalilhom illi huwa gieli kien biegh id-droga. F’ dan ir-rigward l-appellant umilment jirrileva illi din ix-xhieda hija konfliggenti, u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti, bid-dovut rispett, qatt ma setghet tistrieh fuqha bhala prova. Meta wiehed jezamina sew ix-xhieda ta’ PC10 Trevor Cassar Mallia, inserita in atti a fol 13, dan fid-depozizzjoni teighu qal illi l-appellant qallu, u dan waqt illi kien fl-ufficju ta’ l-ispettur Ciappara, illi huwa gieli kein biegh xi pakkett – ‘hu ammetta li kienet tieghu u dahhalnieh ghand l-ispettur Ciappara. Konna qed inkellmuh fejn qalilna li hemmhekk gieli biegh xi pakkett u filfatt imbghad kompla jinvestigah l-ispettur Ciappara.’ Min naha l-ohra, PS1086, bil-gurament tieghu kkonferma, illi l-appellant qallu dan il-kliem waqt li kienet qed issir it-tfittixija fil-garaxx ta’ missieru (fol 15) ‘... minn search li ghamilna gewwa garaxx illi kien ta’ missieru instab kantuniera ohra bi trabb kannella. Lili u lil PC10 qalilna li gieli ttraffika xi pakkett heroin u hadnieh ghal aktar investigazzjonijiet ghand l-ispettur Ciappara’. Fid-dawl ta’ dawn id-depozizzjonijiet kunfliggenti, flimkien ma l-istqarrija rilaxxata minn l-appellant a tempo vergine, probabilment ftit hin wara, fejn huwa bl-ebda mod ma ammetta illi qatt biegh droga, l-appellant umilment jissottometti, illi l-ewwel Onorabbli Qorti, qatt ma setghet issib htija fih a baazi ta’ dawn il-kunsiderazzjonijiet. Illi b’hekk il-prosekuzjoni, bil-provi migjuba minnha stess,

holqot dubju bil-produzzjoni ta’ xhieda konfliggenti, liema dubju ghandu jmur favur l-akkuzat.

Ikkunsidrat.

Irrizulta mill-provi illi ghal xi zmien il-pulizija kienu qed jaghmlu sorveljanza ta’ l-imputat. Fil-21 ta’ Dicembru, 2004 waqt illi kienu qed jaghmlu patrol fl-inhawi ta’ Paola nnutaw illi l-imputat kien qieghed isuq Lada Samara FAE 469 u dan gie segwit sa hdejn Joanne Gardens, Hal Tarxien. Fil-karozza mieghu kien hemm persuna ohra bilqieghda fuq in-naha tal-passiggier waqt illi fit-triq kien hemm persuna ohra riesqa lejn in-naha ta’ fejn kien hemm l-imputat wieqaf bil-karozza. Kif l-imputat gie ntercettat mill-pulizija PS 1086 u PC 10 innutawh illi huwa pprova jsuq minn fuq il-post billi jittanta jaghmel manuvra ta’ riversjar, izda l-pulizija waqfuh mall-ewwel. Kif gie mwaqqaf il-pulizija ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu u fil-vettura li kien qed isuq. L-imputat kellu pakkett bl-eroina li pprova jitfghu f’halqu pero’ gie mwaqqaf milli jaghmel dan mill-pulizija. F’kalzetta li kien liebes instab pakkett iehor bl-eroina, fil-vettura nstab ukoll mizien eletroniku. Mir-residenza tal-genituri tieghu fejn l-imputat kien jghix instabet borza ohra bi trab kannella kif ukoll mill-garaxx anness ma l-istess dar instabet borza ohra bl-eroina. Sussegwentement ittiehed fl-ufficcju ta’ l-Ispettur Norbert Ciappara ghal aktar stharrig fejn sussegwentement inhargu l-akkuzi de quo.

B’Sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-15 ta’ Mejju, 2009 il-Qorti lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda sabitu hati tat-tieni mputazzjoni u ddundannatu ghal piena ta’ erbgha (4) xhur prigunerija u multa ta’ €467 kif ukoll ikkundannatu jhallas l-ispejjez peritali ta €221.78. Kemm l-Avukat Generali kif ukoll l-imputat hassewhom agravati minn din is-Sentenza, l-Avukat Generali lmenta illi l-ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha kellha ssib htija wkoll fuq l-ewwel imputazzjoni u terga l-piena nflitta hija anqas minn dak stabbilit bil-Ligi. Fil-fatt l-Artiklu 22(2)(b)(i) tal-Kap 101 jispecifika minimu ta’ sitt (6) xhur sa massimu ta’ ghaxar (10) snin,mentri l-ewwel Qorti errogat piena ta’ erba’ (4)

xhur prigunerija.  Waqt li l-imputat ilmenta illi fl-ewwel lok l-istqarrija minnu rilaxxata lill-pulizija kellha tigi njorata peress illi hu ma kienx assistit fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu.  Dana kellu japplika wkoll ghad-dikjarazzjonijiet maghmula mill-appellant lill-pulizija principalment PC 10 u PS 1086.    It-tieni agravju jikkoncerna l-provi, darba twarrab l-istqarrija u d-dikjarazzjonijiet  ma jkunx hemm aktar provi kontra l-imputat  u ghalhekk il-Qorti ta' l-Appell kellha tirrevoka dik il-parti ta' l-ewwel Sentenza fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni mputazzjoni.

Ikkunsidrat.

B'sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fis-16 ta' Frar, 2012 il-Qorti idderimiet l-ewwel agravju ta' l-imputat u ddikjarat li ghal dak li jirrigwardja l-valur probatorju ta' l-istqarrija jekk jirrizulta li l-imputat ma kienx assistit min avukat fil-bidu nett ta' l-arrest tieghu allura dik l-istqarrijama kelliex tigi mehuda in konsiderazzjoni fl-assiem l-ohra tal-provi.  Ghalhekk tibqa l-kwistjoni safejn dikjarazzjonijiet maghmula mill-imputat lill-pulizija qabel ma gie arrestat jistghux jintuzaw favur jew kontra tieghu skont id-dispost tal-Kodici Kriminali.

Ikkunsidrat.

Il-principju regolatur huwa illi d-dritt ta' assistenza ta' avukat jiskatta fil-bidu nett tal-arrest, jigifieri fil-mument illi l-persuan tkun giet priv mill-liberta,  dak illi bl-Ingliz nghidu " *the prevention of liberty*".  Qabel dan l-istadju kwalunkwe dikjarazzjoni maghmula mill-perusna lill-pulizija sew jekk jekk fuq mistoqsija, sew jekk spontanja u volontarja tista tittiehed bhala prova kontra l-persuna,  pero' b'kawtela. Din il-Qorti diga kellha okkazjoni tippronuncja ruhha fuq dan il-punt fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Mark Anthony Farrugia" tas-27.09.2012 fejn ikkwotat ukoll Sentenza mill-Qorti Ewropea fl-ismijiet Alex Zaichenko vs Russia (18.02.2010 App. No. 39660/02) li ghaliha din il-Qorti qieghda taghmel piena referenza.  Issa xi tfisser din il-"kawtela" ma hemmex *a hard and fast rule* u kollox jiddependi mic-cirkostanzi u d-deskrizzjoni tal-gudikant jew min ikun sejjer jiggudika l-fatti.  F'dan il-kaz ghandna

allegazzjoni minn naha ta' l-imputat illi x-xhieda moghtija minn PC 10 u PS 1086 huma konfliggenti u ghalhekk ghandhom jigu skartati, dana 'l ghaliex PC 10 jghid illi waqt illi kienu fil-bini tas-CID l-imputat kien qalilhom illi gie li kien bieh xi pakkett tad-droga, waqt illi PS 1086 jghid illi waqt illi kienu ghat-tfittxija fil-garaxx ta' missier l-imputat, l-imputat qalilhom illi gie li ttraffika xi pakkett eroina. Din il-Qorti ma tara xejn konfliggenti f'dawn iz-zewg verzjonijiet u t-tnejn jistghu ikuni veritieri. Pero' d-dikjarazzjoni maghmulha mill-imputat meta kien diga fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ma jistghux jittiehdu inkonsiderazzjoni peress illi f'dak l-istadju l-libierta tieghu kienet diga mehuda. Kien hemm f'dak l-istadju " *a deprivation of liberty*", tant hu hekk illi PC 10 jghid illi mmedjetament wara dik id-dikjarazzjoni haduh ghandi l-Ispettur Ciappara ghal aktar investigazzjoni. Mhux l-istess pero' d-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat lil PS 1086 waqt illi kienet qieghda ssir it-tfittxija fil-garaxx ta' missieru. F'dak l-istadju l-pulizija ma kienu ghadhom jafu xejn u kienu ghadhom fil-fazi preliminari ta' l-investigazzjoni. L-imputat ma kienx ghadu gie priv mill-liberta tieghu u kien hawn hekk illi spontanjament u volontarjament irrilaxxja din l-istqarrija. Quindi dina tista tittiehed in konsiderazzjoni fil-provi kontra tieghu, pero' b'kawtela. Jigifieri l-Qorti trid tara c-cirkostanzi li nghatat u setghetx toqghod fuqha minghajr ma jigu lezi irremedibilent xi drittijiet ta' l-imputat. F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti thoss illi ghandha toqghod fuq il-verzjoni moghtija minn PS 1086 u taccetta d-dikjarazzjoni maghmula mill-imputat meta qal lill-istess Pulizija illi gie li ttraffika xi pakkett ta' eroina.

L-ewwel nett jidher illi din id-dikjarazzjoni kienet spontanja u volontarja u mhxu risposta ghal xi domanda maghula mill-pulizija, terga l-imputat kien qieghed fl-ambjent tieghu fil-garaxx ta' missieru mdawwar bl-affarijiet illi jaf. Kienu l-pulizija illi kienu f'ambjent estrani ghalihom u mhux l-imputat li seta' jdur liberament fl-ambjenti tad-dar tieghu jew ta' missieru minghar xkiel mill-pulizija illi kienu qeghdin iwettqu tfittxija ghad illi dina kienet qieghda ssir fil-prezenza ta' l-imputat. din id-dikjarazzjoni ta' l-imputat jista jkollha effett serju fuq l-ewwel imputazzjoni dik illi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-

droga eroina, peress darba twarrab l-istqarrija tibqa l-unika dikjarazzjoni illi tista torbot lill-imputat ma din l-imputazzjoni.

Il-Qorti tinnota illi l-akkuza qieghda tirreferi ghal 21 ta' Dicembru, 2004 " u fix-xhur ta' qabel din id-data", quindi l-akkuza qieghda tirreferi ghal medda ta' sena. Pero' jidher illi l-ewwel Qorti rriduciet dan it-terminu ghal xahar meta bi zball ikkwotat l-akkuza b'mod zbaljat meta qalet "*fil-21 ta' Dicembru, 2004 u fix-xahar ta' qabel din id-data*" u meta saret referenza ghad-dikjarazzjoni ta' l-imputat l-Magistrat ma hassux moralment konvint li dik il-"*gie li*" tista tissubentra f'dan l-sipazju ta' zmien ta' xahar u kkonkluda illi ma kellux isib lill-imputat hati ta' din l-ewwel imputazzjini. Izda l-akkuza mhux hekk tghid u bl-uzu tal-plural fil-kelma "xhur" l-ispazju temporali gie estiz ghal tnax (12) –il xahar f'liema spazju l-kelma "*gie li*" tissubentra facilment u l-Qorti tista liberament u minghajr sforzi kbar tasal ghall-konkluzjoni illi f'dik is-sena precidenti tal-21 ta' Dicembru, 2004 l-imputat ittraffika d-droga eroina. Ghalhekk irrizulta

1) li l-imputat ipprova jahrab mill-pulizija bil-karozza tieghu qabel ma bdew ikellmuh meta nzamm u bdew ikellmuh volontarjament u spontanjament stqarr illi kien gie li ttraffika d-droga eroina. Instabet kwantita ta' droga fi qratas, tnejn (2) fuq il-persuna tieghu fil-post fejn inqabad u tnejn (2) fir-residenza tieghu.

2) Kellu mizien elektroniku illi kellu tracca ta'dik l-istess droga illi ammetta illi gie li kien ibieh u l-mizien instab fil-karozza ta' l-imputat illi ndika illi dana seta' ntuza mhux biss ghall-uzu personali tieghu imma wkoll biex jizen id-droga li jkun qed jittraffika. Fuq dan il-mizien instabu trassi ta' droga differenti kemm dik kokaina kif ukoll eroina liema tracci jindikaw l-uzu ricenti ta' dan il-mizien ghal altrimenti bi trapass ta' zmien anqas hemm il-possibilita illi dawn it-tracci jibqghu jinstabu.

Dan ix-xenarju juri abbuz illecitu ta' droga pprojbita mill-Ligi, abbuz li jirrizali kemm ghall-uzu personali kif ukoll dak ta' traffikar ma terzi. Dan ix-xenarju jinkwadra fis-shih fiz-zewg akkuzi illi l-imputat kien adebitat bihom u kellu jinstab hati tat-tnejn li huma u mhux biss tat-tieni wiehed.

Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi miz-zewg appelli billi ghal dak li jirrigwardja l-appell ta’ l-imputat tichad it-talba tieghu ghar-revoka ta’ l-ewwel Sentenza dwar id-dikjarazzjoni ta’ htija tieghu fil-konfront tat-tieni mputazzjoni u tiddisponi mill-appell ta’ l-Avukat Generali billi tikkonferma l-ewwel Sentenza fejn sabet lill-imputat hati tat-tieni mputazzjoni migjuba kontra tieghu, tirrevokha u thassarha f’dik il-parti fejn illibierat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni wkoll f’dik il-parti fejn ikkundannat lill-imputat ghal piena ta’ erba’ (4) xhur prigunerija u minflok issib lill-imputat hati ta’ l-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu senjament li pprokura, jew forna jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina u tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija ghal zmien sena u tikkonferma l-ewwel Sentenza fejn erogat il-multa u l-modalita tal-hlas taghha kif ukoll l-kundanna ai termini ta’ l-Artiklu 533 tal-Kap 9. Fl-ahhar nett tikkonferma l-ordni tad-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------